Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 175/2010**

tat-2 ta' Marzu 2010

li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward ta' miżuri għall-kontroll taż-żieda fil-mortalità fil-gajdri tal-ispeċi *Crassostrea gigas* b'rabta mas-sejbien tal-Ostreid herpesvirus 1 µvar (OsHV-1 µvar)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 52, 3.3.2010, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1153/2010 tat-8 ta' Diċembru 2010	L 324	39	9.12.2010

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 175/2010

tat-2 ta' Marzu 2010

li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward ta' miżuri għall-kontroll taż-żieda fil-mortalità fil-gajdri tal-ispeċi *Crassostrea gigas* b'rabta mas-sejbien tal-Ostreid herpesvirus 1 µvar (OsHV-1 µvar)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali akkwatiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 41(3) u 61(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/88/KE tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' saħħet l-annimali li għandhom jiġu applikati għat-tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom. Barra minn hekk, id-Direttiva tistabbilixxi l-miżuri minimi ta' prevenzjoni li għandhom jiġu applikati f'każ ta' suspett jew tifqigħa ta' ċertu mard fl-annimali akkwatiċi.

(2) L-Artikolu 41 ta' dik id-Direttiva jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jikkontrollaw sitwazzjoni ta' marda li tkun qed tfiġġ u jipprevjenu dik il-marda milli tkompli tinfirex. Fil-każ ta' sitwazzjoni ta' marda li tkun qed tfiġġ, fejn is-sejbiet huma ta' sinifikat epidemjoloġiku għal Stat Membru ieħor, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u l-Istati Membri tal-EFTA mingħajr dewmien.

(3) Iż-żieda fil-mortalità fil-gajdri tal-ispeċi *Crassostrea gigas* ("il-gajdri *Crassostrea gigas*") irriżultat f'bosta nħawi fi Franza u fl-Irlanda lejn tmiem ir-rebbiegħa u s-sajf tal-2008. Din kienet attribwita lil kumbinazzjoni ta' fatturi ambjentali negattivi flimkien mal-preżenza ta' batterja tal-ġeneru Vibrio u l-preżenza tal-Ostreid herpesvirus-1 (OsHV-1) inkluż ġenotip ta' deskrizzjoni ġdida ta' dak il-virus imsejjaħ OsHV-1 µvar.

(4) L-awtoritajiet Franċiżi infurmaw lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Istati Membri tal-EFTA dwar is-sitwazzjoni u l-miżuri meħuda f'Awwissu 2008 u l-kwistjoni tressqet quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali f'Settembru 2008.

(5) Fir-rebbiegħa 2009 żieda fil-mortalità attribwita lill-istess kumbinazzjoni ta' fatturi rriżultat ukoll fi Franza, l-Irlanda u ċ-Channel Islands. Filwaqt li l-kawżi tal-mortalità għadhom inċerti, l-investigazzjonijiet epidemjoloġiċi mmexxija fl-Irlanda u r-Renju Unit fl-2009 jissuġġerixxu li l-OsHV-1 µvar għandu rwol importanti fil-mortalità.

[1] ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.

▼B

(6) L-awtorità kompetenti ta' dawk l-Istati Membri u dik taċ-Channel Islands infurmat lill-Kummissjoni bis-sitwazzjoni u l-miżuri meħuda u l-kwistjoni tressqet quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali bosta drabi.

(7) Il-miżuri ta' kontroll meħuda mill-awtorità kompetenti f'dawk l-Istati Membri u dik taċ-Channel Islands biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni ta' marda li qed tfeġġ kienu primarjament jistrieħu fuq ir-restrizzjoni taċ-ċaqliq tal-gajdri *Crassostrea gigas* 'il barra mill-inħawi affettwati miż-żieda fil-mortalità.

(8) Fid-dawl tal-okkorrenza mill-ġdid ta' sitwazzjoni ta' marda li qed tfeġġ fl-2009 u l-possibbiltà li din tirrepeti ruħha, u tar-riskju li tkompli tinxtered fir-rebbiegħa u s-sajf 2010, u fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba, huwa f'loku u neċessarju li jiġu estiżi l-miżuri diġà meħuda mill-Istati Membri affettwati.

(9) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/88/KE rigward mard li jfeġġ, u sabex ikun żgurat li l-miżuri meħuda jipprovdu biżżejjed ħarsien kontra aktar tixrid filwaqt li ma jimponux restrizzjonijiet bla bżonn fuq iċ-ċaqliq tal-gajdri *Crassostrea gigas*, hemm bżonn li jiġu kkoordinati l-miżuri fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni ta' marda li qed tfeġġ fil-livell ta' Unjoni Ewropea.

(10) Meta l-awtoritajiet kompetenti jiġu infurmati li jkun hemm żieda fil-mortalità tal-gajdri *Crassostrea gigas* għandhom jittieħdu kampjuni u jsiru testijiet sabiex wieħed jara jsibx jew inkella jeskludi għal kollox il-preżenza tal-OsHV-1 µvar.

(11) Meta tkun ikkonfermata l-preżenza tal-ġenotip tal-virus OsHV-1 µvar, l-Istati Membri jridu jimplimentaw miżuri għall-kontroll tal-mard, inkluż il-ħolqien ta' żona għat-trażżin tal-mard. Meta wieħed jiġi biex jistabbilixxi żona għat-trażżin iridu jitqiesu ċerti fatturi stipulati f'dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri għall-kontroll tal-mard għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm l-aħħar spezzjonijiet ikunu wrew li ma jkunx hemm iktar żieda fil-mortalità.

(12) Għandhom jiġu stabbiliti restrizzjonijiet fuq iċ-ċaqliq tal-gajdri *Crassostrea gigas* 'il barra miż-żoni għat-trażżin tal-mard sabiex jiġi kkontrollat ir-riskju li l-mard jixtered. Madankollu, għandhom jingħataw ċerti derogi għal meta r-riskju tat-tixrid tal-marda jitnaqqas. Dawn id-derogi jaffettwaw iċ-ċaqliq ta' ċerti gajdri *Crassostrea gigas* intiżi għall-kultivazzjoni jew għal żoni għall-purifikazzjoni f'żona oħra għat-trażżin tal-mard jew intiżi għall-konsum mill-bniedem. Biex tkun żgurata t-traċċabbiltà tal-kunsinni tal-gajdri *Crassostrea gigas* intiżi għall-kultivazzjoni jew għaż-żoni għall-purifikazzjoni, il-kunsinni għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali. Meta jkun qed jimtela ċ-ċertifikat għandhom jitiqesu n-noti ta' spjega stipulati fl-Anness V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard ([1]).

([1]) ĠU L 337, 16.12.2008, p. 41.

▼B

(13) Bil-għan li jinkiseb aktar tagħrif dwar l-istatus ta' din is-sitwazzjoni ta' marda li qed tfeġġ fl-Unjoni u partikolarment fl-Istati Membri u kompartimenti li għadhom ma ġewx affettwati, u biex wieħed jassigura s-sejbien ta' okkorrenza tal-OsHV-1 µvar minn kmieni, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jistabbilixxu programmi b'teħid ta' kampjuni u ttestjar immirat għas-sejbien minn kmieni tal-OsHV-1 µvar. Il-gajdri *Crassostrea gigas* li joriġinaw minn ibħra li kienu suġġetti għall-miżuri għat-trażżin tal-mard fl-2009 b'konformità ma' miżuri nazzjonali jew fl-2010 b'konformità ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu suġġetti għal rekwiżiti addizzjonali marbuta ma' saħħet l-annimali kemm-il darba dawn ikunu introdotti għal finijiet ta' kultivazzjoni jew għall-purifikazzjoni fi Stati Membri jew kompartimenti koperti minn programm tali, u dan kemm-il darba l-OsHV-1 µvar ma jkunx instab f'dak l-Istat Membru jew kompartiment.

(14) Biex ikun assigurat li d-dejta miġbura fl-Istati Membri differenti fil-kuntest tal-programmi b'teħid ta' kampjuni u ttestjar immirat għas-sejbien minn kmieni tal-OsHV-1 µvar hija kumparabbli, għandhom jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti dwar il-kontenut ta' tali programmi.

(15) Id-disponibbilità ta' informazzjoni akkurata u fil-ħin dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tas-sejba tal-OsHV-1 µvar fl-Istati Membri hija element ewlieni biex ikun assigurat kontroll xieraq tas-sitwazzjoni ta' marda li qed tfeġġ. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-ewwel konferma ta' preżenza tal-virus OsHV-1 µvar fit-territorji tagħhom fl-2010 mingħajr dewmien żejjed.

(16) Barra minn hekk, tajjeb li jintużaw il-paġni ta' informazzjoni fuq l-internet imfassla skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE tal-31 ta' Ottubru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-programmi ta' sorveljanza u eradikazzjoni u tal-istatus ta' ħelsien minn marda ta' Stati Membri, żoni u kompartimenti ([1]).

(17) Biex tkun assigurata t-trasparenza u l-aċċess fil-ħin għall-informazzjoni rilevanti dwar is-sitwazzjoni ta' marda li qed tfeġġ, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni Ewropea u lil Stati Membri oħra informazzjoni li tikkonċerna ż-żoni għat-trażżin tal-mard, żoni li preċedentement kienu suġġetti għal miżuri għat-trażżin tal-mard, imma fejn tkun ġiet ikkonfermata l-assenza tal-OsHV-1 µvar, u programmi stabbiliti għas-sejbien minn kmieni tal-OsHV-1 µvar.

(18) Minħabba li għad hemm ħafna inċertezzi fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' marda li qed tfeġġ, il-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament għandhom japplikaw sal-aħħar ta' Diċembru 2010.

(19) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

([1]) ĠU L 63, 7.3.2009, p. 15.

▼B

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, OsHV-1 µvar tfisser ġenotip tal-virus Ostreid herpesvirus-1 (OsHV-1) li hu ddefinit abbażi ta' dejta ta' sekwenza parzjali li turi tħassir sistematiku ta' 12-il par ta' bażi fl-ORF 4 tal-ġenoma meta mqabbel mal-OsHV-1 (GenBank # AY509253).

Artikolu 2

Teħid ta' kampjuni, ittestjar u ħolqien ta' żoni għat-trażżin tal-mard

1. Meta tirriżulta żieda fil-mortalità tal-gajdri tal-ispeċi *Crassostrea gigas* ("gajdri *Crassostrea gigas*") l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tieħu kampjuni skont il-Parti A tal-Anness I;

(b) tagħmel testijiet għall-preżenza tal-OsHV-1 µvar skont il-metodi djanjostiċi stipulati fil-Parti B tal-Anness I.

2. Meta r-riżultati tat-testijiet imsemmija fil-paragrafu 1(b) juru l-preżenza tal-OsHV-1 µvar, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi żona għat-trażżin tal-mard. Dik iż-żona tkun trid tiġi ddefinita abbażi ta' analiżi każ b'każ hekk li jitqiesu l-fatturi li jinfluwenzaw ir-riskju għat-tixrid tal-marda stabbilita fil-Parti C tal-Anness I.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mill-aktar fis possibbli bl-ewwel żona għat-trażżin tal-mard stabbilita fuq it-territorju tagħhom fl-2010.

Artikolu 3

Rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq tal-gajdri *Crassostrea gigas* li joriġinaw minn żona għat-trażżin tal-mard imsemmija fl-Artikolu 2

1. Il-gajdri *Crassostrea gigas* li joriġinaw minn żoni għat-trażżin tal-mard stabbiliti skont l-Artikolu 2(2) ma għandhomx jinħarġu minn dik iż-żona.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-kunsinni tal-gajdri *Crassostrea gigas* jistgħu jinħarġu miż-żona għat-trażżin tal-mard meta:

(a) huma intiżi għal żona għat-trażżin tal-mard oħra stabbilita skont l-Artikolu 2(2);

(b) ikunu joriġinaw minn parti miż-żona għat-trażżin, inklużi mfaqas, li mhix affettwata miż-żieda fil-mortalità u meta l-kunsinna kienet suġġetta għal:

(i) jitteħdilhom kampjun skont il-Parti A tal-Anness I; u wkoll

(ii) jiġu eżaminati għall-preżenza tal-OsHV-1 µvar skont il-metodi djanjostiċi stipulati fil-Parti B tal-Anness I u fejn ir-riżultati kollha kienu negattivi;

▼B

(c) huma intiżi għal aktar ipproċessar, għal ċentri għall-purifikazzjoni, ċentri ta' dispaċċ jew stabbilimenti ta' pproċessar qabel il-konsum mill-bniedem u li huma attrezzati b'sistema ta' trattament effluwenti vvalidata mill-awtorità kompetenti li:

(i) tinattiva l-virusijiet enveloppati, jew

(ii) tnaqqas ir-riskju li l-mard jiġi trażmess fl-ilma naturali għal livell aċċettabbli;

(d) huma intiżi għall-konsum mill-bniedem u ppakkjati u ttikkettjati għal dak il-għan skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u:

(i) mhumiex se jissopravvivu bħala annimali ħajjin kemm-il darba jiġu rritornati fl-ambjent mnejn oriġinaw, jew

(ii) huma intiżi għal aktar ipproċessar mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar;

(e) il-kunsinni u l-prodotti tagħhom huma intiżi għall-konsum mill-bniedem mingħajr aktar ipproċessar, kemm-il darba jkunu ppakkjati f'pakketti għal bejgħ bl-imnut li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar tali pakketti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

3. Il-kunsinni msemmija fil-paragrafu 2(a) u (b) u li huma intiżi għall-kultivazzjoni jew għal żoni għall-purifikazzjoni għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u n-noti ta' spjega stipulati fl-Anness V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008.

Artikolu 4

Sospensjoni tal-miżuri previsti fl-Artikoli 2 u 3

L-awtorità kompetenti tista' tissospendi l-miżuri ta' kontroll fir-rigward ta' żoni għat-trażżin tal-mard stabbiliti skont l-Artikolu 2(2) u r-restrizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq li jipprovdi għalihom l-Artikolu 3 wara li din twettaq żewġ spezzjonijiet konsekuttivi — li jkunu għaddew 15-il ġurnata bejniethom — u li juru li ma għadx hemm żieda fil-mortalità.

Artikolu 5

Rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq tal-gajdri *Crassostrea gigas* li joriġinaw minn kompartiment li preċedentement kien suġġett għal miżuri ta' kontroll minħabba żieda fil-mortalità fil-gajdri *Crassostrea gigas* b'rabta mal-OsHV-1 µvar

1. Il-gajdri *Crassostrea gigas* li jitqiegħdu fis-suq u li joriġinaw minn kompartiment li kien suġġett għal miżuri ta' kontroll fl-2009 jew fl-2010 minħabba żieda fil-mortalità fil-gajdri *Crassostrea gigas* b'rabta mal-OsHV-1 µvar għandhom:

(a) ikunu akkumpanjati minn ċertifikat dwar is-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u fin-noti ta' spjega stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008, jekk l-annimali:

(i) huma intiżi għal Stati Membri jew kompartimenti li jkunu stabbilixxew programm għas-sejbien minn kmieni tal-OsHV-1 µvar, u fejn l-OsHV-1 ma jinstabx, u

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

▼B

(ii) huma intiżi għall-kultivazzjoni u ż-żoni għall-purifikazzjoni;

(b) joriġinaw minn kompartiment fejn tkun ġiet ikkonfermata l-assenza tal-OsHV-1 µvar permezz ta' teħid ta' kampjuni u ta' ttestjar mwettqa skont il-Parti A tal-Anness I; u

(c) jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' saħħet l-annimali stabbiliti fil-mudell taċ-ċertifikat, imsemmija fil-punt (a).

2. Programm maħsub għas-sejbien minn kmieni tal-OsHV-1 µvar kif imsemmi fil-paragrafu 1(a)(i) għandu jkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-programm għandu jiġi ddikjarat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali;

(b) dikjarazzjoni tali għandha tkun konformi mal-punt 1, il-punti 5.1, 5.2, 5.3, 5.5, u 5.9, u l-punti 6 u 7 tal-mudell tal-formola stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/177/KE;

(c) il-programm għandu jinkludi:

(i) teħid ta' kampjuni skont il-Parti A tal-Anness I,

(ii) testijiet għall-preżenza tal-OsHV-1 µvar skont il-metodi djanjostiċi stipulati fil-Parti B tal-Anness I.

3. Il-Paragrafu 1 għandu jibda japplika fi żmien ġimgħa minn dakinhar tal-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fejn ikun ġie ddikjarat il-programm imsemmi fil-paragrafu 1(a)(i).

Artikolu 6

Paġna ta' informazzjoni fuq l-Internet

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra:

(a) lista ta' żoni għat-trażżin u l-fatturi li jkunu tqiesu biex jiddefinixxu tali żoni, inkluża deskrizzjoni tal-fruntieri ġeografiċi taż-żona rilevanti, stabbilita skont l-Artikolu 2(2);

(b) lista ta' kompartimenti li tinkludi deskrizzjoni tal-fruntieri ġeografiċi taż-żona rilevanti:

(i) li jkunu ġew suġġetti għall-miżuri għat-trażżin tal-mard fl-2009 minħabba żieda fil-mortalità fil-gajdri *Crassostrea gigas* b'rabta mal-OsHV-1 µvar,

(ii) fejn l-assenza tal-OsHV-1 µvar tiġi kkonfermata permezz ta' ttestjar imwettaq skont il-Partijiet A u B tal-Anness I f'kampjuni meħuda miż-żona għat-trażżin tal-mard;

(c) dikjarazzjonijiet ta' programmi msemmija fl-Artikolu 5(2), inkluża deskrizzjoni tal-fruntieri ġeografiċi ta' dik iż-żona rilevanti.

2. L-informazzjoni pprovduta fil-paragrafu 1 għandha tinżamm aġġornata u tkun disponibbli fuq il-paġni ta' informazzjoni fuq l-internet stabbiliti skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2009/177/KE.

▼B

Artikolu 7

Rappurtaġġ

L-Istati Membri għandhom iressqu rapport lill-Kummissjoni dwar il-programmi ddikjarati skont l-Artikolu 5(2) sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2010.

Ir-rapport għandu jkun konformi mal-mudell tal-formula li jinsab fl-Anness VI tad-Deċiżjoni 2009/177/KE.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-15 ta' Marzu 2010 sal- ►**M1** 30 ta' April 2011 ◄.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

PARTI A

Teħid tal-kampjuni

1. *Teħid tal-kampjuni għall-finijiet tal-Artikolu 2*

Il-kampjuni kif jipprovdi għalihom l-Artikolu 2 għandhom jikkonsistu f'tal-inqas 12-il individwu ta' gajdri *Crassotrea gigas*. Fit-teħid tal-kampjuni għandu jittieħed kampjun tal-annimali dgħajfa, dawk miftuħa u li jkunu għadhom kif mietu (mhux li jkunu ddekomponew) u dawn għandhom jinġabru mill-kompartiment fejn tkun osservata l-mortalità.

2. *Teħid tal-kampjuni għall-finijiet tal-Artikolu 3(2)(b), 5(1)(b) u 5(2)*

(a) It-teħid tal-kampjuni għall-finijiet tal-Artikolu 3(2)(b) għandu jikkonsisti f'li ġej:

(i) fil-każ tal-larvi, ħames qatgħat ta' mill-inqas 50 mg ta' annimali sħaħ miġbura bejn erba' u tmint ijiem wara l-fekondazzjoni, inkluża l-qoxra, minn kull kunsinna;

(ii) fil-każ ta' larvi iżgħar minn 6 mm, 30 qatgħa ta' 300 mg ta' annimali sħaħ, inkluża l-qoxra, minn kull kunsinna;

(iii) fil-każ ta' gajdri ikbar minn 6 mm, 150 individwu minn kull kunsinna.

Waqt l-għażla ta' dawn l-annimali, irid ikun hemm rappreżentazzjoni proporzjonata tal-partijiet kollha tal-kunsinna. Jekk huma preżenti annimali dgħajfa, miftuħa jew li jkunu għadhom kif mietu (mhux li jkunu ddekomponew), għandhom jingħażlu primarjament dawn il-ħut.

(b) It-teħid tal-kampjuni għall-finijiet tal-Artikolu 5(2) għandu jikkonsisti f'tal-inqas 150 individwu ta' *Crassotrea gigas* minn kull punt mnejn jittieħdu l-kampjuni. Għandu jittieħed kampjun mill-farms u ż-żoni ta' kultivazzjoni tal-molluski kollha fl-Istat Membru jew il-kompartiment koperti mill-programm.

It-teħid tal-kampjuni għall-finijiet tal-Artikolu 5(1)(b) għandu jikkonsisti f'tal-inqas 150 individwu ta' gajdri *Crassotrea gigas* minn kull punt mnejn jittieħdu l-kampjuni.

Waqt l-għażla ta' dawk l-annimali, għandhom jitqiesu l-kriterji li ġejjin:

— Jekk huma preżenti annimali dgħajfa, miftuħa jew li jkunu għadhom kif mietu (ma jkunux iddekomponew), għandhom jingħażlu primarjament dawn il-ħut. Jekk ma jkunx hemm minn dawn, l-annimali magħżula għandhom jinkludu molluski f'saħħithom li għandhom inqas minn 12-il xahar;

— Meta t-teħid tal-kampjuni minn farms fejn għall-produzzjoni jintuża aktar minn sors wieħed tal-ilma, għandhom ikunu inklużi fit-teħid tal-kampjuni l-annimali li jirrappreżentaw is-sorsi kollha tal-ilma b'mod li l-partijiet kollha tal-farm ikunu rappreżentati proporzjonalment fil-kampjun;

— Meta jittieħdu kampjuni minn żoni ta' kultivazzjoni tal-molluski, fil-kampjun għandhom ikunu inklużi annimali minn numru suffiċjenti ta' punti ta' teħid ta' kampjuni b'mod li fil-kampjun ikunu rappreżentati proporzjonalment il-partijiet kollha taż-żona ta' kultivazzjoni tal-molluski, inklużi l-qigħan naturali preżenti fiż-żona tal-kultivazzjoni tal-molluski. Il-fatturi ewlenin li jridu jitqiesu għall-għażla ta' dawn il-punti ta' teħid ta' kampjuni huma: is-sejbien preċedenti tal-OsHV-1 µvar fiż-żona, id-densità tal-ħżin, il-flussi tal-ilma, il-batimetrija u l-prassijiet ta' ġestjoni.

▼B

(c) It-teħid ta' kampjuni li jipprovdi għalih l-Artikolu 5(2) għandu jsir fil-perjodu tas-sena meta l-prevalenza tal-OsHV-1 µvar fl-Istat Membru jew fil-kompartiment titqies li hi massima. Meta t-tali dejta ma tkunx disponibbli, it-teħid tal-kampjuni għandu jsir eżatt wara l-perjodu meta t-temperatura tal-ilma taqbeż is-16 °C fiż-żmien tas-sena meta t-temperatura normalment tilħaq il-massimu tagħha.

(d) It-teħid ta' kampjuni li jipprovdi għalih l-Artikolu 5(1)(b) preferebbilment għandu jsir fil-perjodu tas-sena deskritt fil-punt c. Jekk jittieħdu kampjuni barra dak iż-żmien tas-sena, qabel jiġu ttestjati, il-kampjuni tal-gajdri għandhom jinżammu f'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk deskritti fil-punt c għal perjodu tajjeb għassejbien tal-OsHV-1 µvar.

PARTI B

Metodi djanjostiċi għas-sejbien tal-OsHV-1 µvar

1. *Ambitu*

Din il-proċedura tispjega metodu djanjostiku standard biex jintuża għassejbien u l-identifikazzjoni tal-OsHV-1 µvar permezz tar-Reazzjoni Katina tal-Polimeraži (Polymerase Chain Reaction, minn hawn 'il quddiem "RKP"). Dan jippermetti d-distinzjoni bejn l-OsHV-1 u l-OsHV-1 µvar.

Meta hu l-każ, sabiex jiġu ottimizzati l-kundizzjonijiet ta' reazzjoni u biex jiffaċilitaw l-użu tat-tagħmir u l-kundizzjonijiet fil-laboratorju tagħhom stess, il-laboratorji jistgħu japplikaw modifiki lill-metodi deskritti fl-Anness, u dan kemm-il darba tkun tista' tintwera l-istess sensittività u speċifiċità.

2. *Definizzjoni*

L-OsHV-1 µvar huwa ddefinit fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

3. *Tagħmir u kundizzjonijiet ambjentali*

It-test djanjostiku użat għas-sejbien u l-identifikazzjoni tal-OsHV-1 µvar bir-RKP jeħtieġ it-tagħmir u l-kundizzjonijiet ambjentali użati tradizzjonalment għal testijiet bir-RKP kif ġej:

— Kappa magħluqa mgħammra b'sistema li tipproduċi l-UV biex telimina kontaminazzjonijiet potenzjali fit-tħejjija tat-taħlita tar-RKP.

— Żewġ settijiet kompluti ta' pipetti (2 µl; 20 µl; 200 µl u 1 000 µl), l-ewwel waħda għall-estrazzjoni tad-DNA, u t-tieni għat-tħejjija tat-taħlita tar-RKP.

— Tliet pipetti differenti: pipetta waħda (2 µl) biex tqassam il-kampjuni fit-taħlita tar-RKP, oħra (20 µl) għat-teħid tal-kampjuni tal-EB u pipetta oħra (20 µl) biex tiġbor il-prodotti tar-RKP f'ġellijiet tal-agarożju.

— Ponot tal-pipetti bil-filtru (2 µl; 20 µl; 200 µl u 1 000 µl) għall-estrazzjoni tad-DNA, tħejjija tat-taħlita tar-RKP u d-distribuzzjoni tal-kampjuni.

— Ponot tal-pipetti (20 µl) biex jinġabar il-EB u biex jittellgħu prodotti ta' amplifikazzjoni f'ġell tal-agarożju.

— Ċiklatur termali biex iwettaq l-amplifikazzjonijiet.

— Sistema ta' elettroforeži orizzontali għall-elettroforeži ta' prodotti tar-RKP.

— Tabella tal-UV biex jiġu osservati l-prodotti tar-RKP wara l-elettroforeži f'ġell tal-agarożju.

— Sistema biex jinkisbu ritratti tal-ġellijiet.

▼B

Il-manipulatur għandu jilbes ġagaga tal-laboratorju u ngwanti tul l-istadji differenti kollha deskritti hawn taħt. Preferebbilment, il-ġagaga tal-laboratorju u l-ingwanti għandhom jinbidlu wara kull stadju prinċipali: l-estrazzjoni tad-DNA, it-tħejjija tat-taħlita tar-RKP, it-tqassim tal-kampjuni, l-amplifikazzjoni u l-ġbir għal ġol-ġell.

Huwa rrakkomandat li dawn l-istadji differenti jitwettqu fi kmamar differenti. Aktar importanti minn hekk, l-amplifkazzjoni u l-ġbir għal ġol-ġell/l-elettroforeżi għandhom isiru f'kamra separata minn dik tal-estrazzjoni tad-DNA, tat-tħejjija tat-taħlita tar-RKP u t-tqassim tad-DNA.

4. *Proċedura*

4.1. Tħejjija tal-kampjuni

Gajdri ħajjin jew li jkunu għadhom kif mietu (ma jkunux iddekomponew), li jistgħu jkunu ġew iffriżati, għall-estrazzjoni tad-DNA.

Il-kampjuni jkunu pproċessati b'mod differenti, skont id-daqs tagħhom:

(a) Għal-larvi għandhom jitgħaffġu u jiġu ċentrifugati f'1 000 g għal minuta qatgħat ta' 50 mg mill-annimali sħaħ (inkluża l-qoxra) kompluti b'200 µl ta' ilma distillat.

(b) Għal-larvi daqs jew iżgħar minn 6 mm għandhom jitgħaffġu u jiġu ċentrifugati f'1 000 g għal minuta qatgħat ta' 300 mg mill-annimali sħaħ (inkluża l-qoxra) kompluti b'1 200 µl ta' ilma distillat.

(c) Għal-larvi bejn is-6 u l-15 mm fid-daqs, it-tessuti r-rotob kollha ta' kull annimal jitgħaffġu individwalment.

(d) Għal annimali akbar minn 15 mm, jiġu iżolati biċċiet mill-garġi u l-ġilda ta' mal-ġewwieni.

L-estrazzjoni tad-DNA issir permezz tal-użu tal-QIAamp® DNA Mini Kit (QIAGEN) u billi jiġu segwiti l-istruzzjonijiet tal-Protokoll tal-Ittestjar tat-Tessuti.

It-tħejjija ulterjuri tal-kampjun issir fl-ordni li ġejja:

1. Poġġi 100 µl ta' supernatant għal kampjuni li jissemmew f'a) u b) jew 10 sa 50 mg ta' tessuti għal kampjuni msemmija fil-punt c) u d) f'tubu mikroċentrifugu ta' 1,5 ml u żid 180 µl ta' Buffer ATL.

2. Żid 20 µl Proteinase K, ħallat b'movimenti qosra rotatorji u poġġi f'inkubatur f'temperatura ta' 56 °C sakemm it-tessut ikun iddiżintegra kompletament (matul il-lejl). Waqt l-inkubazzjoni ħawwad b'movimenti rotatorji okkażjonalment biex tifrex il-kampjun. Iċċentrifuga għal ħin qasir it-tubu mikroċentifugu ta' 1,5 ml biex tneħħi t-taqtir minn mal-għatu.

3. Żid 200 µl Buffer AL mal-kampjun, ħallat b'movimenti qosra rotatorji għal 15-il sekonda u poġġi f'inkubatur f'temperatura ta' 70 °C għal 10 minuti. Iċċentrifuga għal ħin qasir it-tubu mikroċentifugu ta' 1,5 ml biex tneħħi t-taqtir minn mal-għatu.

4. Żid 200 µl ethanol (96-100 %) mal-kampjun u ħallat permezz ta' movimenti qosra rotatorji għal 15-il sekonda. Iċċentrifuga għal ħin qasir it-tubu mikroċentifugu ta' 1,5 ml biex tneħħi t-taqtir minn mal-għatu.

5. Ħu ħsieb tapplika b'attenzjoni t-taħlita mill-istadju 4 sal-QIAamp Spin Column (f'tubu tal-ġbir ta' 2 ml) mingħajr ma xxarrab ix-xifer. Agħlaq it-tapp u ċċentrifuga bl-10 000 rpm kull minuta. Poġġi l-QIAamp Spin Column f'tubu tal-ġbir ta' 2 ml nadif (ipprovdut fil-pakkett) u armi t-tubu li fih il-filtrat.

▼B

6. Iftaħ il-QIAamp Spin Column b'attenzjoni u żid 500 µl Buffer AW1 mingħajr ma xxarrab ix-xifer. Agħlaq it-tapp u ċċentrifuga bl-10 000 rpm kull minuta. Poġġi l-QIAamp Spin Column f'tubu tal-ġbir ta'2 ml nadif (ipprovdut fil-pakkett) u armi t-tubu tal-ġbir li fih il-filtrat.

7. Iftaħ il-QIAamp Spin Column b'attenzjoni u żid 500 µl Buffer AW2 mingħajr ma xxarrab ix-xifer. Agħlaq it-tapp u ċċentrifuga bil-veloċità massima (14 000 rpm) għal 3 minuti.

8. (Mhux mandatorju) Poġġi l-QIAamp Spin Column f'tubu tal-ġbir ta' 2 ml ġdid (mhux ipprovdut fil-pakkett) u armi t-tubu tal-ġbir li fih il-filtrat. Iċċentrifuga bil-veloċità massima (14 000 rpm) għal minuta.

9. Poġġi l-QIAamp Spin Column f'tubu mikroċentrifugu ta' 1,5 ml nadif (mhux ipprovdut fil-pakkett) u armi t-tubu tal-ġbir li fih il-filtrat. Iftaħ il-QIAamp Spin Column b'attenzjoni u żid 100 µl ta' ilma ddistillat. Poġġi f'inkubatur għal 5 minuti f'tempertaura tal-kamra u ċċentrifuga bl-10 000 rpm għal minuta.

10. Ikkontrolla l-kwalità u l-effikaċja tal-estrazzjoni (pereżempju billi tkejjel id-OD (260 nm) taħt spettrofotometru jew wara l-elettroforeżi f'ġell tal-agarożju).

11. Ħejji s-sustanza dilwita tal-kampjuni tiegħek sabiex ikollok konċentrazzjoni ta' DNA finali ta' 50-100 ng/µl.

12. Is-soluzzjonijiet tad-DNA jinżammu f'temperatura ta' 4 °C sakemm jitwettqu l-analiżijiet tar-RKP.

Għall-estrazzjoni tad-DNA jistgħu jintużaw pakketti (kits) kummerċjali oħra kemm-il darba jkun intwera li dawn jagħtu l-istess riżultati.

4.2. *Reazzjoni Katina tal-Polimeraża (RKP)*

4.2.1. Sustanzi reattivi

— 10 X Buffer (fornut b'Taq DNA polymerase)

— $MgCl_2$ (fornut b'DNA polymerase) (25 mm)

— Taq DNA Polymerase (Goldstar, Eurogentec) 5 U/µl

— dNTP (dATP, dCTP, dGTP, dTTT) Master Mix (20 mm) irid ikun dilwit 10 darbiet (b'2 mm) qabel l-użu

— d H_20 (H_20 distillat ħieles mid-DNA u r-RNA)

4.2.2. Primers

Għandhom jintużaw il-primers [1] li ġejjin:

CF (10 µM)

CR (10 µM)

[1] Dawn il-primers jew id-deksrizzjonijiet tagħhom jistgħu jinkisbu mil-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza għall-mard tal-Molluski (LGP-Ifremer, av de Mus de Loup, 17390 La Tremblade, Franza).

▼B

4.2.3. It-taħlita tar-RKP

It-taħlita tar-RKP għal kull tubu hija:

	Volum għal kull tubu	Konċentrazzjoni Finali
Buffer (10 X)	5 µl	1X
$MgCl_2$ (25 mM)	5 µl	2,5 mM
dNTP (2 mM)	5 µl	0,2 mM
CF (10 µM)	1 µl	0,2 µM
CR (10 µM)	1 µl	0,2 µM
Taq polymérase (5 U/µl)	0,5 µl	2,5 U
dH_2O	31,5 µl	

— 49 µl ta' din it-taħlita tar-RKP tintefa' f'kull tubu tar-RKP

— F'kull tubu jiżdied 1 µl tad-DNA estratta (50-100 ng/µl)

4.2.4. Kontrolli

Jintużaw żewġ tipi ta' kontrolli:

— Il-kontrolli negattivi jikkonsistu f'dH_2O (1 µl għal 49 µl ta' taħlita tar-RKP). Dawn huma intiżi biex isibu kontaminazzjoni potenzjali reattiva jew tal-ambjent tax-xogħol. Għal kull 10 kampjuni għandu jkun hemm kontroll negattiv jew inkella wara kull serje ta' kampjuni.

— Il-kontrolli pożittivi jikkonsistu f'DNA plasmidika li fiha r-reġjun ta' ġenoma fil-mira tal-OsHV-1 CF-CR. Dawn huma intiżi biex jiċċekkjaw l-effikaċja tar-reazzjoni tar-RKP. Għal kull analiżi tar-RKP għandu jiġi inkluż kontroll pożittiv wieħed. Il-kontrolli pożittivi huma disponibbli mil-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza.

4.2.5. Amplifikazzjoni

Iċ-ċikli ta' amplifikazzjoni jitwettqu f'apparat ta' ċiklu termali.

— Denaturazzjoni inizjali: 2 minuti f'temperatura ta' 94 °C

— Amplifikazzjoni: 35 ċiklu (minuta b'temp. ta' 94 °C, minuta b'temp. ta' 50 °C u minuta b'temp. ta' 72 °C)

— Elongazzjoni finali: 5 minuti f'temperatura ta' 72 °C

4.3 *Elettroforeżi*

4.3.1 Sustanzi reattivi

— 50 X TAE (jista' jinxtara mill-ewwel lest għall-użu):

Tris base (40 mM) 242 g

Aċidu aċetiku glaċjali (40 mM) 57,1 ml

$Na_2EDTA.2H_2O$ (1 mM) 18,61 g

dH_2O għal litru

Aġġusta f'pH 8

▼B

— Ġell tal-agarożju 2,5 % f'1X TAE

Ethidium bromide (0,5 µg/ml) li jiżdied wara li jitberred il-ġell.

— Żebgħa kaħla għall-ġbir:

Bromofenol kaħlani 0,25 %

Cyanol xylene FF 0,25 %

Sukrożju 40 %

Żomm f'temperatura ta' 4 °C.

Użah dilwit għal 6 darbiet (2 µl ta' buffer kaħlani għat-tlugħ għal 10 µl ta' prodotti tar-RKP).

— Indikatur tal-piż molekulari:

SmartLadder SF (Eurogentec): indikatur tal-piż molekulari lest għall-użu inkluż 9 faxex spazjati b'mod regolari bejn 100 u 1 000 bp.

4.3.2 Tħejjija ta' ġell tal-agarożju

1. Piż 2.5 g ta' agarożju, żid 100 ml ta' 1X TAE u saħħan sakemm it-taħlita ddub.

2. Wara li tberred is-soluzzjoni, żid l-ethidium bromide (5 µl għal 100 ml ta' ġell tal-agarożju) u s-soluzzjoni tingħadda ġo forma speċifika mgħammra b'pettnijiet (biex jiġu ffurmati ħofor).

3. Meta l-ġell hu polimerizzat, il-pettnijiet jitneħħew u l-ġell jitqiegħed f'sistema ta' elettroforeżi orizzontali li fiha biżżejjed 1X TAE sal-kopertura ta' ġell tal-agarożju.

4. 10 µl ta' prodotti tar-RKP jitħalltu ma' 2 µl ta' żebgħa kaħla (6X) u jitpoġġew fil-ħofor

5. Toqba waħda hija ddedikata lill-indikatur ta' piż molekulari (5 µl)

6. Jiġi applikat vultaġġ ta' bejn 50 u 150 volt għal bejn 30 minuta u siegħa, jiddpendi mid-daqs u l-ħxuna tal-ġell

7. Il-ġell jiġi osservat taħt l-UV.

4.4. *Interpretazzjoni*

Il-preżenza tal-OsHV-1 µVar f'kampjun hija indikata bil-preżenza ta' faxxa ta' daqs xieraq (157 bp minflok ta' 173 bp għall-OsHV-1) fuq 2,5 % ta' ġell tal-agarożju bil-kontrolli kollha negattivi jkunu negattivi u l-kontrolli pożittivi kollha jkunu pożittivi.

PARTI Ċ

Definizzjoni taż-żona għat-trażżin tal-mard

Meta tiġi ddefinita ż-żona għat-trażżin tal-mard skont l-Artikolu 2(2) għandhom jitqiesu l-fatturi li ġejjin li jinfluwenzaw ir-riskji ta' tixrid tal-marda:

(a) in-numru, ir-rata u d-distribuzzjoni tal-molluski fil-farm jew iż-żona ta' kultivazzjoni tal-molluski hija infettata;

(b) id-distanza u d-densità tal-farms fil-viċin jew iż-żoni ta' kultivazzjoni tal-molluski;

(c) il-prossimità għal stabbilimenti ta' pproċessar, farms ta' kuntatt jew żoni ta' kultivazzjoni tal-molluski ta' kuntatt;

(d) l-ispeċi preżenti fil-farms jew fiż-żoni ta' kultivazzjoni tal-molluski;

▼B

(e) prassijiet ta' kultivazzjoni applikati fil-farms milquta jew fil-farms tal-viċin jew fiż-żoni ta' kultivazzjoni tal-molluski; u wkoll

(f) il-kundizzjonijiet idrodinamiċi u fatturi oħra ta' sinifikanza epiżootijoloġika identifikati.

▼B

ANNESS II

Mudell ta' ċertifikat ta' saħħa tal-annimali għat-tqegħid fis-suq tal-gajdri *Crassostrea gigas* intiżi għaż-żoni ta' kultivazzjoni u dawk għall-purifikazzjoni

L-UNJONI EWROPEA — **Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Kodiċi Postali	I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza / I.2.a. Numru lokali ta' riferenza I.3. Awtorità Ċentrali kompetenti I.4. Awtorità lokali kompetenti
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali	I.6. I.7.
I.8. Pajjiż ta' oriġini / Kodiċi ISO / I.9.	I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni / Kodiċi ISO / I.11.
I.12. Pajjiż ta' oriġini/Pajjiż ta' ħsad Fond ta' akkwakultura approvat ☐ Oħrajn ☐ Isem / Numru approvat Indirizz Kodiċi Postali	I.13. Post ta' destinazzjoni Fond ta' akkwakultura approvat ☐ Oħrajn ☐ Isem / Numru approvat Indirizz Kodiċi Postali
I.14. Post ta' tagħbija Kodiċi Postali	I.15. Data u ħin ta' tluq
I.16. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni	I.17. Trasportatur Isem / Numru approvat Indirizz Kodiċi Postali / Stat Membru
I.18. Speċi ta' annimal /Prodott	I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi CN) **03.07**
	I.20. Numru/Kwantità
I.21.	I.22. Numru ta' pakketti
I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' siġill	I.24. Tip ta' ippakkettar
I.25. Annimali ċertifikati/prodotti ċertifikati għal Tgħammir ☐ GħalRelej ☐	
I.26. Tranżitu minn pajjiż terz ☐ Pajjiż terz / Kodiċi ISO Post ta' ħruġ / Kodiċi Post ta' dħul / Numru tal-BIP unit:	I.27. Tranżitu minn Pajjiżi Membri ☐ Stat Membru / Kodiċi ISO Stat Membru / Kodiċi ISO Stat Membru / Kodiċi ISO
I.28. Esportazzjoni ☐ Pajjiż terz / Kodiċi ISO Post ta' ħruġ / Kodiċi	I.29.
I.30.	
I.31. Identifikazzjoni tal-annimali Speċi (Isem xjentifiku) / Kwantità	

▼B

L-UNJONI EWROPEA

Għat-tqegħid fis-suq tal-gajdri *Crassostrea gigas* intiżi għaż-żoni ta ' kultivazzjoni u dawk għall-purifikazzjoni

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	**Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.

([1])([2])[II.1 **Rekwiżiti għall-gajdri *Crassostrea gigas* li joriġinaw minn żona għat-trażżin tal-mard stabbilita skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 175/2010)**

Jiena l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-gajdri *Crassostrea gigas* imsemmija fil-Parti I ta ' dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 joriġinaw minn żona li hi suġġetta għal miżuri ta ' kontroll tal-mard li jikkonċernaw żieda fil-mortalità fil-gajdri *Crassostrea gigas* b'rabta mal-OsHV-1 µvar;

([1])[II.1.2 huma awtorizzati għat-tqegħid fis-suq skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 175/2010;]

([1])[II.1.2 joriġinaw minn parti fiż-żona għat-trażżin tal-mard li mhix milquta miż-żieda fil-mortalità u l-kunsinna kienet suġġetta għal teħid ta ' kampjuni u għal ittestjar skont l-Anness I tar- Regolament (KE) Nru 175/2010 fil-gajdri *Crassostrea gigas* b'riżultat negattiv;]]

([1])([3])[II.2 **Rekwiżiti għall-gajdri *Crassostrea gigas* li joriġinaw minn Stat Membru jew minn kompartiment suġġett għal miżuri għat-trażżin tal-mard fir-rigward ta' żieda fil-mortalità fil-gajdri *Crassostrea gigas* b'rabta mal-OsHV-1 µvar u intiżi għal Stati Membri jew komparitmenti għas-sejbien minn kmieni tal-OsHV-1 µvar**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-gajdri *Crassostrea gigas* imsemmija fil-Parti I ta ' dan iċ-ċertifikat:

II.2.1 ġejjin minn farm jew minn żona ta ' kultivazzjoni tal-molluski fejn, skont ir-rekords tal-farm jew taż-żona ta ' kultivazzjoni tal-molluski, ma hemm ebda indikazzjoni ta ' żieda fil-mortalità;

II.2.2 joriġinaw minn kompartiment fejn l-assenza tal-OsHV-1 µvar hija kkonfermata permezz ta' teħid ta' kampjuni u ttestjar imwettaq skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 175/2010 fil-gajdri *Crassostrea gigas*.]

II.3 **Ġarr u rekwiżiti għall-ittikkettjar**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li:

II.3.1 il-gajdri *Crassostrea gigas* imsemmija fil-Parti I ta ' dan iċ-ċertifikat jinsabu f'kundizzjonijiet li ma jibdlux l-istat tas-saħħa tagħhom, inkluża l-kwalità tal-ilma;

II.3.2 ir-reċipjent tal-ġarr qabel ma jittellgħu huwa nadif u ddiżinfettat jew inkella ma ntużax qabel;

II.3.3 il-kunsinna hi identifikata minn tikketta li tinqara fuq in-naħa ta' barra tar-reċipjent, jew meta tinġarr minn reċipjent issiġillat li ma jidħolx ilma fih, fil-manifest tal-vapur, bit-tagħrif rilevanti msemmi fil-kaxxi I.8 sa I.13 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat, u din id-dikjarazzjoni:

jew ([1])["gajdri Crassostrea gigas intiżi għall-kultivazzjoni/purifikazzjoni f'żona suġġetta għal programm għas-sejbien minn kmieni tal-OsHV-1 µvar"]

jew ([1])["gajdri Crassostrea gigas intiżi għall-kultivazzjoni/purifikazzjoni f'żona suġġetta għal miżuri għall-kontroll tal-mard u li joriġinaw minn żona suġġetta għall-miżuri għall-kontroll tal-mard"].

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.12: Jekk xieraq, uża n-numru tal-awtorizzazzjoni tal-farm jew żona ta' kultivazzjoni tal-molluski kkonċernati.

— Kaxxa I.13: Jekk xieraq, uża n-numru tal-awtorizzazzjoni tal-farm jew żona ta' kultivazzjoni tal-molluski kkonċernati.

— Kaxxa I.20 u 1: 31: Bħala kwantità, agħti n-numru totali.

— Kaxxa I.25: Uża l-għażla "Tkabbir" jekk intiżi għall-kultivazzjoni, "Purifikazzjoni" jekk intiżi għall-purifikazzjoni.

▼B

L-UNJONI EWROPEA

Għat-tqegħid fis-suq tal-gajdri *Crassostrea gigas* intiżi għaż-żoni ta' kultivazzjoni u dawk għall-purifikazzjoni

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II:

(1) Żomm skont il-każ.

(2) Il-Parti II.1 ta' dan iċ-ċertifikat tapplika għal kunsinni tal-gajdri *Crassostrea gigas* li joriġinaw minn żona għat-trażżin tal-mard stabbilita skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 175/2010 u li skont l-Artikolu 3(2)(a) jew (b) ta' dak ir-Regolament huma awtorizzati jinħarġu minn dik iż-żona

(3) Il-Parti II 2 ta' dan iċ-ċertifikat tapplika għal kunsinni tal-gajdri *Crassostrea gigas* imsemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 175/2010, intiżi għall-Istati Membri jew kompartimenti suġġetti għal programm għas-sejbien minn kmieni tal-OsHV-1 µvar u li joriġinaw minn żona li preċedentement kienet suġġetta għal miżuri ta' trażżin fir-rigward ta' żieda fil-mortalità fil-gajdri *Crassostrea gigas*.

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Unità Veterinarja Lokali: Nru tal-UVL:

Data: Firma:

Timbru: